MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2009

Numru. 1090/2008

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Deemer Bezzina, iben Mario, imwieled Pieta' fit-18 ta' Mejju, 1983
u
Martin Farrugia, iben Joseph, imwieled Pieta' fid-19 ta' Mejju, 1963

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli matul il-ġurnata tas-27 ta' Ottubru, 2008, għal ħabta tal-11.00 a.m. ġewwa Triq Nazzjonali, Ħamrun –
1. ikkomettew attentat ta' serq ta' handbag, għad-dannu ta' Connie Hili, minn ġewwa l-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAO 794, tal-marka 'Seat Marbella', liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jaqbeż is-somma ta'

€232.94 imma ma jaqbix is-somma ta’ €2,329,40 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serq ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tagħhom;
2. talli saru reċidivi skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Mejju, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 49, 50, 41(1)(a), 261(ċ)(g), 267 u 271(g) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannahom għal ħlas ta’ multa ta’ €500 kull wieħed minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------